MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2484/1996/2

**Surprise Yachts Limited**

**Vs**

**Joseph Rosso f' ismu *proprio* u ezercenti fil-kummerc f' isem Sealink Marine Centre**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Lulju 1996 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici xtrat minghand il-konvenut *boat* tal-marka 'Bay Liner 28 Ciero' li giet registrata hawn Malta, bl-isem ta' "Surprise II";

U premess illi fl-istess *boat* is-socjeta` attrici sabet difetti u hsarat skond kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mis-*surveyor* William Cassar Torreggiani (Dokument A);

U premess illi ghall-istess hsarat u difetti kellu jaghmel tajjeb il-konvenut, li ghalkemm mitlub diversi drabi biex jirranga l-istess hsarat u difetti, baqa' inadempjenti minkejja l-fatt li accetta li jsewwi l-istess hsarat u difetti;

U premess illi s-socjeta` attrici ma tistax tibqa' tistenna indefinittivament biex l-istess konvenut jirrepara sodisfacentement il-*boat* li s-socjeta` attrici xtrat minghandu;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsarat u difetti kollha li rrizultaw fil-*boat* "Surprise II" minn mindu din giet mixtrija minghandu;

2. Tillikwida l-istess danni, permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-interessi u l-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* pprezentata fil-25 ta' Marzu 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament illi huwa ma biegh l-ebda *boat* lis-socjeta` attrici u ghalhekk m' hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-esponenti u s-socjeta` attrici;

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-esponenti mhux responsabbli ghall-ebda difetti u hsarat, jekk jezistu fuq il-*boat* in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni kkontemplata mis-socjeta` attrici ma tistax izjed tigi proposta minhabba t-trespass taz-zmien;

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-noti ta' sottomisjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-avukati difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-azzjoni promossa mis-socjeta` attrici hi tendenti ghar-rizarciment tad-danni in bazi ghall-allegazzjoni dedotta ta' hsarat u difetti fil-*boat* bl-isem "Surprise II" mixtrija mis-socjeta` attrici;

Il-konvenut jikkontesta din l-azzjoni tas-socjeta` attrici bid-difiza arginata principalment fuq dawn iz-zewg binarji:

(a) Preliminarjament, il-mankanza ta' rapport guridiku bejnu u s-socjeta` attrici;

(b) Fil-meritu, li ma ghandu jwiegeb ghall-ebda hsarat jew difetti u li f' kull kaz l-azzjoni hekk proposta tinsab perenta bid-dekorrenza taz-zmien;

Huwa bil-wisq naturali illi l-fatti attendibbli jridu necessarjament jigu ezaminati fil-parametri ta' din id-difiza propunjata mill-konvenut in kwantu s-success ta' xi wahda miz-zewg eccezzjonijiet hi bizzejjed biex tistronka l-azzjoni;

Brevement ri-epilogati l-fatti li taw lok ghall-odjerna azzjoni huma s-segwenti:-

I. Bi ftehim tas-6 ta' Lulju 1993 (fol. 22) il-konvenut ezercenti l-kummerc bl-isem "Sealink Marine Centre" biegh *boat* Bayliner Ciero 2855 lil Reginiano Caruana. Dan versu l-prezz hemm pattwit ta' ghoxrin elf u hames mitt lira (Lm20,500) aktar tard mizjud b' elf lira ohra (Lm1000). Thallas depozitu ta' tliet elef lira (Lm3000) u l-bilanc skond kambjali li kellhom jigu skontati mensilment. Ara Affidavit ta' Reginiano Caruana (fol. 18);

II. Din il-*boat* partikulari, manifatturata fl-Amerka f' Dicembru 1992 (ara risposta a fol. 77 ghal *fax* mibghuta lill-kumpanija produttrici), kienet tintuza originarjament ghal certu Thomas Peterson ta' nazzjonalita Ingliza li, kif irrizulta, tilef l-interess dwarha u b' hekk giet trasferita lill-imsemmi Reginiano Caruana. Ara xhieda ta' Joseph Rosso (fol. 84);

III. Jinghad mill-istess Reginiano Caruana illi fuq parir li nghata mill-istess Joseph Rosso huwa fforma kumpanija bl-isem Surprise Yachts Limited debitament registrata fit-28 ta' Settembru 1994. (Ara kopja ta' l-Istatut a fol. 91) L-azzjonisti taghha kienu certu Jason Alexander Scott, f' dak iz-zmien gharus bint l-istess Reginiano Caruana (ara xhieda ta' dan a fol. 111) u s-socjeta` S & D Yachts Limited li kellha biss *share* wiehed. Fl-ispjega moghtija minn Roland Darmanin Kissaun li ha hsieb il-formazzjoni u registrazzjoni tal-kumpanija, din kellha

bhala skop ewlieni li tigi registrata dghajsa bl-isem “Surprise II” (ara deposizzjoni ta’ dan ix-xhud a fol. 54). Fit-13 ta’ Frar 1996 Reginiano Caruana issostitwixxa lill-imsemmi xhud bhala direttur tal-kumpanija (fol. 61);

IV. Formata din il-kumpanija, fit-30 ta’ Settembru 1994 giet sottoskritta *Bill of Sale* (fol. 25) bejn l-imsemmi Thomas Peterson u s-socjeta` attrici. In segwitu l-Awtorita` Marittima harget lill-istess socjeta` attrici “*provisional certificate of Malta Registry*” (fol. 62);

V. Minn dak rakkontat mill-istess Reginiano Caruana kemm fl-Affidavit (fol. 18) kif ukoll in kontro-ezami (fol. 111) huwa ha konsenja tal-*boat* tliet xhur wara li kien iffirma l-kuntratt tax-xiri taghha fis-6 ta’ Lulju 1993. Skond Joseph Rosso, invece, ix-xerrej ha konsenja taghha meta harget il-*warranty* mid-ditta kostruttrici relattivament ghall-muturi Mercruiser f’ Gunju 1994 (fol. 86);

VI. Sena wara u cjoe f’ Gunju 1995 il-*boat* li sadanittant inzammet fil-*garage* ta’ Reginiano Caruana giet armata u varata. L-istess Reginiano Caruana jistqarr li mill-bidunett meta lanqas kienet ghadha armata beda jinnota xi difetti li hu jelenka fl-Affidavit tieghu (fol. 20) u wara li nizzilha l-bahar innota li din bdiet taghmel l-ilma. Skond dan ix-xhud dan kien ilma bahar (fol. 113). Invece kemm skond William Cassar Torreggiani, espert nominat minnu, (fol. 40) kif ukoll skond Alfred Vella, *in charge* tal-*maintenance* mad-ditta konvenuta (fol. 118) dan kien ilma helu;

VII. Jirrizulta mill-istqarrija ta’ Joseph Rosso (fol. 85) illi hlief ghall-iskrittura ta’ bejgh (fol. 22) huwa ma kienx involut fl-ebda dokumentazzjoni ohra. Indahal biss meta kellu lment minn Reginiano Caruana dwar id-dhul ta’ l-ilma li, kif inghad, skond ix-xhud Alfred Vella ma kienx dovut ghal xi mankanzi jew difetti fil-*boat*;

Premessi dawn il-fatti, jinghad fl-Artikolu 1346 tal-Kodici Civili illi “il-bejgh hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet

tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha";

Applikata din it-tifsira tal-ligi ghal kaz in ispecje huwa sintomatiku illi l-partijiet kontraenti fil-komprovendita tal-bejgh tal-*boat* in diskussjoni kienu ghal fini u effetti kollha tal-ligi Joseph Rosso f' isem id-ditta tieghu, bhala l-venditur, u Reginiano Caruana personalment *qua* xerrej. *Ex admissis*, l-istess Reginiano Caruana jaccetta u jikkonferma "li d-dghajsa xtrajtha dak in-nhar li sar dak il-ftehim" (fol. 111). Jigifieri dak esebit a fol. 22 tal-process;

Minn din il-konstatazzjoni jiskaturixxi bhala effett dak mahsub fl-Artikolu 999 (1) tal-Kodici Civili fis-sens li "hadd ma jista' b' kuntratt f' ismu jobbliga ruhu jew jikkontratta hlief ghalih innifsu", kif ukoll f' dak stabbilit fl-Artikolu 1001 ta' l-istess Kodici, jigifieri, li "l-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi";

Dan ifisser illi l-obbligi u drittijiet naxxenti mill-kuntratt ta' ftehim tas-6 ta' Lulju 1993 ghandhom jintercedu biss bejn il-kontraenti fih espressament imsemmija. Il-vinkolu u l-effikacja tieghu kienet wahda "*inter contrahentes*". Li jfisser, allura, f' dan il-kaz, illi l-fatt li l-*boat* finalment giet registrata f' isem is-socjeta` attrici ma jaghtix lok lil din biex tazzjona ghad-danni naxxenti mill-bejgh li fiha hi ma kinitx kompartecipi u, allura, mal-venditur tal-*boat* ma kellha l-ebda relazzjoni. In effetti il-kontraprestazzjoni tal-vendita ossija l-hlas tal-prezz pattwit, ghallanqas sal-mument li fiha ma ddecediex xort' ohra, dejjem sar mill-istess xerrej fuq il-kuntratt b' kambjali li kienu jsejhu lilu, u mhux mill-kumpanija attrici li, kif irrizulta wkoll, din ma gietx registrata hlief cirka hmistax-il (15) xahar wara li kien konkjuz il-kuntratt;

L-okkorrenza tal-*bill of sale* f' dan il-kaz ma tistax hlief titqies wahda ta' mera formalita` gjaladarba inzerta li r-*registered owner* tal-*boat* kien, minhabba c-cirkostanzi maghrufa, Thomas Peterson. U ghalhekk ghal fini tat-

trasferiment kienet mehtiega u, anzi attendibbli, ic-certifikat tal-*bill of sale* biex is-socjeta` attrici setghet tigi rikonoxxuta bhala r-*registered owner* il-gdida. Dejjem pero` ghal fini ta' l-azzjoni, kif koncepita, il-partijiet interessati baqghu l-konvenut *nomine* minn naha u Reginiano Caruana mill-ohra. In effetti l-imsemmi Thomas Peterson ma jiffigurax bhala parti citata fil-gudizzju;

Hi ghalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi akkolta;

Anke kieku pero` din il-Qorti kellha tirrigwarda l-materja mill-ottika tat-tieni eccezzjoni l-istess azzjoni kienet destinata li tfalli;

Huwa ntwittiv illi r-rimedji akkordati mil-ligi lix-xerrej huma dawk inerenti ghad-disposizzjonijiet relattivi taht il-Kodici Civili fl-istitut tal-bejgh. Senjatament dawk marbuta ma' l-obbligi tal-bejjiegh;

Kif saput, l-obbligi ta' kull bejjiegh taht il-ligi taghna huma dawk specifikati fl-Artikolu 1378 tal-Kodici Civili, jigifieri z-zewg obbligi hemm kontemplati <u>tal-kunsinna</u> u <u>tal-garanzija tal-haga mibjugha</u>;

Ghal dik li hi kunsinna l-haga mibjugha ghandha tigi hekk mghoddija fl-istat li kienet fil-mument tal-bejgh (Artikolu 1393, Kodici Civili). L-inadempjenza tal-kunsinna jew il-kunsinna tardiva ggorr maghha d-danni kif rikonoxxut mill-Artikolu 1386 tal-Kodici. Hekk ukoll din taghti lok ghad-danni jekk ix-xerrej isib li l-oggett li l-bejjiegh igib biex jikkonsenjalu ma jkunx tal-kwalita pattwita (Artikolu 1390);

Fil-kaz in disamina, minn kif koncepita l-azzjoni, anke kieku, *gratia argomenti*, is-socjeta` attrici kellha titqies li kienet ix-xerrej, gjaladarba l-obbjett tat-talba taghha hu bazat fuq id-denunzja tad-difetti, dan ghandu necessarjament ifisser li hi qeghda tirrikollega l-azzjoni taghha ma' l-obbligu tal-venditur tal-garanzija legali.

Garanzija din li fil-kaz partikolari tipprezumi li l-*boat* venduta hi immuni minn vizzji jew difetti li jirrenduha inidonea ghall-uzu li ghalih hi destinata jew, altrimenti, li jiddiminwixxu b’ mod apprezzabbli l-valur taghha. Li jfisser allura illi l-garanzija prevvista fl-Artikolu succitat 1378 tal-Kapitolu 16 tinkwadra ruhha b’ mod oggettiv mal-fatt stess ta’ l-ezistenza tal-vizzju, u allura indipendentement minn kolpa o meno tal-venditur. Huwa biss fejn jigi stabbilit illi l-bejjiegh kien jaf bid-difetti fil-haga mibjugha illi hu, oltre ghar-radd lura tal-prezz li jkun irceva, iwiegeb ukoll ghad-danni [Artikolu 1429 (1), Kodici Civili];

Kif rinvenut fis-sentenza tal-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni tas-6 ta’ Frar 1992 (**Numru 1325**), “*in tema di risoluzione del contratto di compravendita per l’ esistenza di vizi redibitori sono distinte e vanno considerate* <u>*autonomamente*</u> *l’ obbligazione di restituzione del prezzo e quella di risarcimento del danno; la prima, infatti rappresenta l’ effetto restitutorio della cosidetta azione redibitoria che prescinde totalmente dalla colpa del venditore e configura un debito di valuta, giacche fin dall’ origine ha per oggetto una somma di denaro; l’ azione di risarcimento del danno, invece, puo` essere esercitata anche da sola, sul presupposto che sussistono tutti i requisiti della garanzia per i vizi e che ricorra inoltre la colpa del venditore e configura un debito di valore*.”;

Hu x’ inhu l-kaz ghandu jigi osservat illi r-rimedji kollha spettanti lix-xerrej ghad-difetti fil-haga mibjugha, kemm fil-kaz li dan jopta ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt, kemm jekk ghad-diminuzzjoni fil-prezz, kif ukoll ghar-rizarciment tad-danni, dawn huma soggetti ghat-termini preskritti fl-Artikolu 1431 (1) tal-Kodici Civili;

Din il-Qorti ma tistax taccetta l-argoment sottomess mis-socjeta` attrici illi ghax il-konvenut ma ndikax l-artikolu tal-ligi, *ergo* hu, bhala speci, ikkomprometta d-difiza tieghu. Jirrizulta bhala fatt illi l-materja hi konnessa ma’ vendita. Jirrizulta wkoll li l-azzjoni hi bazata fuq allegati difetti fl-oggett meritu ta’ din l-istess vendita. Jirrizulta wkoll illi l-konvenut issolleva l-eccezzjoni tad-dekorrenza taz-zmien.

U allura mhux il-kaz li, ghall-applikabilita ghall-kaz, ta’ l-Artikolu 1431 (1), dan ried jissemma *expressis*. Apparti l-fatt li dan hu l-uniku dispost tal-ligi li jghodd ghall-azzjoni redibitorja jew aestimatorja jew ghad-danni skond l-Artikolu 1429 (1), in kwantu hekk annoverat taht it-Titolu “Fuq il-Garanzija ghad-difetti li ma jidhrux tal-Haga Mibjugha”, ma jidherx li l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili jghodd ghal kaz bhal dan. Dan anke ghaliex it-terminu fil-predett artikolu huwa perentorju tad-dritt u ghalhekk strettament lanqas hi ammessa rinunzja ghall-eccezzjoni bhal din (**Kollez. Vol. XXXI P I p 398**);

Intant, mill-provi processwali jirrizulta, dejjem skond ix-xhud Reginiano Caruana, illi huwa kkonstata d-difetti minnu lamentati kemm qabel ma vara l-*boat* fir-rigward ta’ certi difetti kif ukoll hekk kif appena varaha f’ Gunju 1995. L-azzjoni tas-socjeta` attrici giet intavolata fil-31 ta’ Lulju 1996. Li jfisser allura li din halliet iz-zmien statutorju mehtieg fit-termini ta’ l-Artikolu 1431 jghaddi inutilment. Terminu dan li kif gja ntqal huwa ta’ dekadenza u mhux ta’ preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**). Fic-cirkostanzi hi giet li rremedjabilment ippregudikat id-dritt taghha li titlob minghand din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-*boat* minnha akkwistata kienet affetta minn hsarat u difetti;

Dan premess, anke allura rigwardata minn din il-perspettiva, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Dan apparti, imbaghad, il-fatt illi tonqos ukoll f’ dan il-kaz il-prova dwar il-gravita tad-difetti lamentati kif spjegat mill-gurisprudenza (**Kollez. Vol. XXVII P III p 454**). Dan qed jigi rilevat in raguni ghall-fatt illi, kif mistqarr mill-istess Reginiano Caruana, dan baqa’ juza l-*boat* <u>regolarment</u> (fol. 114). F’ kull kaz tonqos ukoll il-prova tal-kwantum tad-danni allegatament sofferti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine*, tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------